MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 677/2004/1

**Avukat Francis Portanier bhala President, Gaetano Cuschieri bhala Segretarju u John Mizzi bhala Tezorier tas-Societa` Filarmonica Nazionale La Valette**

**vs**

**George Micallef**

**Il-Qorti,**

L-atturi appellaw permezz ta' zewg rikorsi identici kontra l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti li permezz tieghu dik il-Qorti ddeklinat li tkompli tiehu konjizzjoni tal-kawza quddiemha in vista ta' l-emenda legislativa apportata ghall-Artikolu 47 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fit-tnejn l-appellanti ssenjalaw b' aggravju il-punt illi dak il-pronunzjament kien errat in vista tad-disposizzjoni transitorja li stabbilit li kawzi koinvolgenti talbiet ta' zgumbrament jew tkeccija minn bini immobbli li kienu pendenti quddiem il-qorti ta' gurisdizzjoni inferjuri

kellhom ikomplu, nonostante l-emenda, jinstemghu u jigu definiti minn dik il-Qorti;

Il-Qorti thoss li ghandha tikkonsidra flimkien iz-zewg appelli billi ma tarax in-necessita guridika li tirrifletti dwarhom separatament gjaladarba l-punt involut hu fit-tnejn l-istess. Naturalment, l-ewwel aspett li jrid jigi ezaminat hu dak jekk il-pronunzjament moghti mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwiex digriet jew sentenza, anke ghaliex milli jidher, biex ma jiehdux riskji, l-atturi appellanti kkonsidrawh kemm il-wiehed u l-iehor;

Intqal mill-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, illi "*è notorio che la distinzione tra sentenza definitiva e decreto interlocutorio non è semplice quistione di parole, dacche importa bene distinguere i veri ordini di pronunciamenti giudiziari, non solo in relazione all' appello o agli altri mezzi di impugnazione, ma anche per se stessi siccome il loro contenuto misura l' esercizio della giurisdizione e determina la loro efficacia e forza in futuri giudizi nell' identico soggetto in riguardo all' ammissibilita` o meno della eccezione di cosa giudicata. Poiche mentre la sentenza definitiva fa cessar la giurisdizione del tribunale che l' avesse pronunciata e porga le basi alle eccezioni della cosa giudicata, i decreti interlocutori per legge espressa non formano giudicato per la Corte che li avesse pronunciati, quando le si dimostrasse una giusta causa per dipartirsene*" - "**Maria vedova di Paolo Pace Axiak -vs- Vincenzo Caruana**", Appell Civili, 27 ta' Ottubru 1920 (**Kollez. Vol. XXIV P I p 582**);

Dan ipprecizat, jidher mill-atti li segwew il-pronunzjament ta' l-11 ta' April 2006, hawn impunjat, illi l-ewwel Qorti, fuq ir-rikors ipprezentat lilha fit-18 ta' April 2006, kienet qed tqis dak il-pronunzjament taghha bhala li ghandu l-karatteristika ta' digriet interlokutorju li minnu setghet tiddiparti bir-revoka *contrario imperio* tieghu (ara digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2006, fol. 36). Dak li allura jikkonsegwi li jigi investigat bhala t-tieni aspett hu jekk dak

il-pronunzjament moghti kellux jitqies bhala digriet interlokutorju jew sentenza;

Il-punt hawn sollevat gja gie drabi ohra mistharreg u deciz mill-Qrati taghna. Dan fis-sens illi "*la decisione d' incompetenza della Corte è una vera sentenza e non un decreto interlocutorio, perche 'terminat judicium' e non puo essere revocata 'contrario imperio' dal tribunale che l' avesse pronunciata*" - "**Negte Giovanni Coleiro *nomine* -vs- Dr. Carmelo Parnis *nomine et***", Appell Kummercjali, 18 ta' Gunju 1928 (**Kollez. Vol. XXVII P I p 717**). F' dan il-kaz dik il-Qorti kkonsegwit il-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet "**Dottor Giorgio Busuttil -vs- L'Onorevole Professore Dottor Carlo Mallia *et***", Appell Civili, 1 ta' Gunju 1925 (**Kollez. Vol. XXVI P I p 164**) li statwit li d-decizjoni tal-Qorti fuq il-kompetenza taghha li tiehu konjizzjoni tal-gudizzju ma hijiex annoverata fost id-digrieti interlokutorji;

Aktar vicin taghna in mertu ghall-istess punt kontrovers jistghu jigu kkonsultati s-sentenzi fl-ismijiet "**Joseph Caruana -vs- Frances Dei Conti Manduca**", Appell Civili, 31 ta' Ottubru 1988 u "**Frank Sammut *et* -vs- Michael Fenech *nomine***", Appell Kummercjali, 25 ta' Marzu 1991;

In bazi ghall-gurisprudenza enuncjata dan igib illi l-pronunzjament tal-Qorti adita kellu jitqies bhala sentenza definitiva u "*per conseguenza la forma dell' appello da tale decisione è quella prescritta dalla legge per gli appelli dalle sentenze*" ("**Coleiro -vs- Parnis**", *Ibid*.) Taht dan il-profil l-appell introdott mill-pronunzjament konsiderat bhala digriet qed jitqies bhala irritwali;

Dan logikament ma jfisserx illi din il-Qorti tista' tintrattjeni ruhha fuq l-appell l-iehor ta' l-atturi fejn huma kkonsidraw dak l-istess pronunzjament bhala sentenza, anke jekk ikollu jinghad illi s-sottomissjonijiet fih kontenuti huma guridikament validi. Dan ghal motiv illi l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti ma jirrivestix, kif hekk suppost kellu jkun

skond il-Kodici ritwali, senjatament l-artikoli 218 u 219 tieghu, il-forma tas-sentenza. Huwa l-kaz allura li din il-Qorti tannulla l-provvediment ta' l-ewwel Qorti u tirrimanda l-atti lura lil din il-Qorti ghar-rikonsiderazzjoni taghha fl-ambitu tar-riflessjonijiet hawn maghmula.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla l-pronunzjament ta' l-ewwel Qorti tal-11 ta' April 2006 u tordna li l-atti jigu rimessi lura lill-istess ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni u decizjoni taghha skond il-ligi tal-materja denunzjata. Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------